# IL-KNISJA Ż-ŻGĦIRA





Minn John Aquilina

Memorji sbieħ igħaddu minn moħħi meta nidħol fil-knisja ż-żgħira. Din il-Knisja ċkejkna imma ta' storja kbira, tinsab fuq in-naħa l-oħra tal-Knisja Arċipretali u Matriċi tagħna Stella Maris.



Il-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja minn ġewwa

Nixtieq naqsam magħkom it-tifkiriet sbieħ li għandi ta' meta kont ċkejken abbati u imbagħad żgħażugħ taċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika "Sant' Antnin ta' Padova", l-ewwel fit-triq Għar il-Lembi, imbagħad fir-Reġina Angelorum, illum iċ-Ċentru Parrokjali.

Din il-Knisja ż-żgħira ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja kellha rabta qawwija mal-Azzjoni Kattolika. Għaliex ngħid hekk? Għaliex jien, bħala membru, kont nieħu ħsiebha u ngħin fil-funzjonijiet li kienu jsiru f'din il-knisja. L-Assistent Ekkleżjastiku Mons. Giuseppe Lupi, għalina l-membri Dun Lupi, kien jiċċelebra l-funzjonijiet li kienu jsiru, bħal pereżempju l-Adorazzjoni kull nhar ta' Ħadd u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Ir-rużarju li kien jingħad qabel il-Benedizzjoni kien jgħidu hu, jew jien (kont



Monsinjur Ġużeppi Lupi

għadni Aspirant) meta ma kienx jista' hu, iżda kien dejjem ikun fil-ħin biex jagħti l-Benedizzjoni. Kont nitgħaxxaq fl-interess li kienu jieħdu l-parruċċani, li barra li kienu jattendu bi ħġarhom, kienu wkoll jgħinu fix-xiri ta' fjuri u xemgħa għal quddiem Ġesu Sagramentat. Il-pjaċir tiegħi kien li narma l-artal għal kull funzjoni li ssir. Hawnhekk ma rridx ninsa lil Mons. Giuseppe Inguanez, l-ex Kappillan, li kważi kull nhar ta' Ħadd filgħodu kien jiġi jqaddes hemm. Hu kien qiegħed jgħix f'dar fi Triq il-Kattidral. Kien anke jiġi ċċelebrat is-Sagrament taż-żwieġ f'ambjent ta` ġabra u devozzjoni lejn il-Madonna.

Madanakollu, l-isbaħ żmien għalija kien ikun il-ġimgħa ta' qabel il-Festa tal-Madonna tal-Grazzja, fit-12 ta' Settembru. Hemmhekk arani narma l-ftit damask u l-brazzi li kellna, naturalment bl-għajnuna ta' sħabi l-membri. Il-Festa dejjem kienet tiġi ċelebrata fil-jum tagħha. Dakinhar minn kmieni filgħodu konna nitilgħu ħdejn il-kopletta u nibdew indoqqu mota biż-żewġ qniepen żgħar li kien hemm sa ma tibda l-quddiesa li għaliha kien jiġi mistieden xi Saċerdot minn barra l-Parroċċa. Il-qniepen, għalkemm xi ftit imġenġlin, xorta waħda kienu jogħġbuni, b'mod speċjali għax kienu jindaqqu darba fis-sena, fil-Festa.

Issa li għall-grazzja t'Alla kbirt sewwa u nħares lura lejn dak iż-żmien, tiġini nostalġija kbira. Imbagħad ngħid (biex nikkonsla) kemm kien żmien sabiħ u kemm konna aktar kuntenti u miġburin.

Għalkemm illum m'għadux issir dak li irrakkuntajt jien, xorta waħda l-Knisja ż-Żgħira għad għandha skop qaddis, għax ikun hemm Ġesu Sagramentat espost kull jum għall-adorazzjoni tagħna. Inħeġġeġ għalhekk lil kulħadd biex isib ftit ħin u jagħti titwila u jinġabar ftit quddiem Ġesu li jinsab realment hemmhekk, jistennina.



*Il-faċċata tal-Knisja ż-żgħira*

KV

KEITH VELLA

M. 7930 6218
E. VELLAKEITH.KV@GMAIL.COM

FOR ALL ELECTRICAL & PLUMBING NEEDS!